**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta’ Ottubru, 2015

Rikors Nru : 272/15 AL

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-11 ta’ Ottubru 1997:

Illi l-partijiet sseparaw konsenswalment permezz ta’ kuntratt datat 23 ta’ April 2015, fl-atti tan-Nutar Malcolm Camilleri, vide kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok A, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba’ (4) snin;

Illi l-manteniment qieghed jigi regolat skont l-kuntratt surreferit;

Illi r-rikorrent jrid iholl iz-zwieg fuq imsemmi;

Illi l-partijiet issodisfaw il-kriterji imposti mill-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi :

(1) Ilhom aktar minn 4 snin ighixu separatament;
(2) Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
(3) Ma hemm ebda kwistjoni ta’ manteniment billi dan qieghed jigi regolat skont l-istess kuntratt surreferit;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(1) tordna illi iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar il-11 ta’ Ottubru 1997 jigi mahlul;
(2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registratur Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor meqjus xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Lulju, 2015;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta’ April, 2015, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi l-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.